**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 524/19**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**Vs**

**John Micallef**

**Illum 6 ta' Settembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' John Micallef, bin Carmelo u Gemma neè Zahra, imwieled Ħal-Tarxien fit-13 ta' Awwissu 1963, residenti 168, Ta' Gormi Crt, Flt. 2, Triq Stiefnu Zerafa, Għargħur, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 413263(M), talli fix-xahar ta' Diċembru 2016 u fis-sena 2017 f'dawn il-gżejjer:

1. B'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ bi ħsara ta' Jasmond Debono u Carmelo Debono u/jew persuni oħra u dan bi ksur ta' l-Artikoli 308 u 310(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Għamel xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikolu ta' qabel dan is-sub-titolu (Sub-titolu III, Fuq il-Frodi) għad-detriment ta' Jasmond Debono u Carmelo Debono u/jew persuni oħra u dan bi ksur ta' l-Artikoli 309 u 310(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-imputat jew huma proprjetà tiegħu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi jew xort' oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, ai termini ta' l-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa, tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tar-rikavat li jiġi mir-reat jew ta' dik il-proprjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, ai termini ta' l-Artikolu 23B tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tittratta ma' l-imputat bħala reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, peress li huwa kien misjub ħati u kkundannat għal reati b'sentenzi ta' Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi;

Rat li l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "JR1" sa' Dok. "JR4" a fol. 8 sa' 20 tal-proċess;

Rat li b'Digriet mogħti fl-10 ta' Settembru 2019, inħarġet Ordni ta' Iffriżar fil-konfront ta' l-imputat ai termini ta' l-Artikolu 23A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Jonathan Ransley mogħtija waqt is-seduti ta' l-10 ta' Settembru 2019[1] u ta' l-20 ta' Awwissu 2020[2] u rat id-dokument, ossia sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Giovanni Micallef" pronunċjata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru 2008, esebita minnu markata Dok. "JRX" a fol. 92 sa' 96 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Jasmond Debono mogħtija waqt is-seduti tal-15 ta' Ottubru 2019[3] u ta' l-4 ta' Marzu 2021[4] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "JD1" sa' Dok. "JD8" a fol. 50 sa' 57 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Carmelo Debono mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Ottubru 2019[5] u x-xhieda ta' Eunice Grech Fiorini, Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Ottubru 2019[6] u rat id-dokument esebit minnha markat Dok. "EG" a fol. 67 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PS 1268 Ivan Caruana mogħtja waqt is-seduta tat-22 ta' Ottubru 2019[7] u semgħet ix-xhieda ta' Paul Vassallo, in rappreżentanza ta' Fexserv Financial Services, mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Lulju 2020[8];

Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 20 ta' Jannar 2020[9] li permezz tagħha bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub taħt:

[1] Fol. 33 sa' 35 tal-proċess.
[2] Fol. 90 u 91 tal-proċess.
[3] Fol. 39 sa' 49 tal-proċess.
[4] Fol. 104 u 105 tal-proċess.
[5] Fol. 58 sa'64 tal-proċess.
[6] Fol. 65 u 66 tal-proċess.
[7] Fol. 68 u 69 tal-proċess.
[8] Fol. 86 u 87 tal-proċess.
[9] Fol. 75 tal-proċess.

• L-Artikoli 308, 309, 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
• L-Artikoli 23A u 23B tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
• L-Artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
• L-Artikoli 17, 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li waqt is-seduta ta' l-20 ta' Awwissu 2020[10], wara li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq, u wara li l-Qorti staqsiet lill-imputat jekk għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jitmexxa bi proċedura sommarja u huwa ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, inqraw l-Artikoli;

Rat illi waqt is-seduta ta' l-4 ta' Marzu 2021[11], l-imputat, wara li ressaq bħala xhud lil Jasmond Debono, iddikjara li jagħżel li ma jixhidx f'dawn il-proċeduri;

Semgħet is-sottomissjonijiet orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli fix-xahar ta' Diċembru 2016 u fis-sena 2017 f'dawn il-gżejjer: (1) b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ bi ħsara ta' Jasmond Debono u Carmelo Debono u/jew persuni oħra u dan bi ksur ta' l-Artikoli 308 u 310(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) għamel xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikolu ta' qabel dan is-sub-titolu (Sub-titolu III, Fuq il-Frodi) għad-detriment ta' Jasmond Debono u Carmelo Debono u/jew persuni oħra u dan bi ksur ta' l-Artikoli 309 u 310(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Prosekuzzjoni in oltre titlob li l-Qorti tittratta ma' l-imputat bħala reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, peress li huwa kien misjub ħati u kkundannat għal reati b'sentenzi ta' Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu.

Permezz ta' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 20 ta' Jannar 2020[12] l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub taħt:

• L-Artikoli 308, 309, 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
• L-Artikoli 23A u 23B tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
• L-Artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
• L-Artikoli 17, 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

---

[10] Fol. 89 tal-proċess.
[11] Fol. 103 tal-proċess.
[12] Fol. 75 tal-proċess.

F'dawn il-proċeduri xehdu l-Ispettur Jonathan Ransley, Jasmond Debono, illi tressaq bħala xhud mid-Difiża wkoll, Carmelo Debono, Eunice Grech Fiorni, Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, PS 1268 Ivan Caruana u Paul Vassallo, rappreżentant ta' Fexserv Financial Services.

L-**Ispettur Jonathan Ransley**[13] xehed illi fid-9 ta' Awwissu 2019, Jasmond Debono u Carmelo Debono, rispettivament detenturi tal-Karti ta' l-Identità bin-Numri 229084(M) u 932744(M), irrappurtaw ġewwa l-Għassa ta' l-Imsida fejn stqarrew li f'Diċembru ta' l-2016 kienu ġew iffrodati s-somma ta' €21,300 minn ċertu John Micallef, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 413263(M), li in segwitu rriżulta li huwa l-imputat. L-Ispettur Ransley spjega li Jasmond Debono u Carmelo Debono stqarrew illi fid-9 ta' Diċembru 2016, l-imputat kien ippreżenta ruħu lilhom bħala uffiċjal tal-MEPA u kien qalilhom li seta' jġibilhom xi permessi biex jiżviluppaw art di proprjetà tagħhom ġewwa s-Swatar u li dawn il-permessi seta' jġibhom fi żmien tlett xhur. Huma taw lill-imputat is-somma ta' €21,300 sabiex iġibilhom dawn il-permessi. Wara li skadew tlett xhur huma ppruvaw jagħmlu kuntatt ma' l-imputat però dan ma weġibx it-telephone. Meta rnexxielhom jikkomunikaw ma' l-imputat huma qalulu li kienu se jagħtuh numru ta' kont tal-Bank sabiex ikun jista' jittrasferilhom lura s-somma ta' €21,300 minnhom imħallsa lilu. Tali transfer però baqa' ma sarx.

L-Ispettur Ransley spjega ulterjorment illi huwa ċempel lill-imputat fuq in-numru 77777342 u ffissa appuntament miegħu biex jmur ikellmu l-Għassa ta' Tas-Sliema għall-15 ta' Awwissu 2019, iżda l-imputat ma ppreżentax ruħu għal tali appuntament. Meta l-Ispettur Ransley reġa' ipprova jikkomunika ma' l-imputat permezz tat-telephone, dejjem kien isib il-mobile ta' l-imputat mitfi. Finalment ottjena Mandat ta' Arrest fil-konfront ta' l-imputat li eventwalment ġie arrestat fil-21 ta' Awwissu 2019 ġewwa l-Għassa tal-Mosta fejn kien imur jiffirma *bail book* in konnessjoni ma' każ ieħor. Fit-22 ta' Awwissu 2019 l-Ispettur Ransley interroga lill-imputat fil-presenza ta' l-Avukat tiegħu, l-Avukat Dr. Mario Mifsud, u dan qal li ma huwiex minnu li ppreżenta ruħu lil Jasmond Debono u Carmelo Debono bħala uffiċjal tal-MEPA u li l-flus ġew mgħoddija lilu bħala self. L-Ispettur Ransley iddubita mill-verżjoni mogħtija mill-imputat u peress li l-verżjoni tiegħu ma kenitx taqbel mal-verżjoni mogħtija minn Jasmond Debono u Carmelo Debono, għamel konfront bejniethom. Fir-rigward ta' tali konfront l-Ispettur Ransley xehed illi: *ġie osservat li fil-konfront li sar, is-sinjuri Debono dejjem kienu konsistenti f'dak li qalu. Fil-fatt lil Carmelo, li jiġi z-ziju, għedtlu biex jirrakkonta x'ġara fil-presenza ta' kulħadd, u qalli li darba minnhom kien qiegħed l-għalqa tieghu li tiġi x'imkien lejn is-Swatar li jekk fhimt sew jiena tiġi x'imkien lejn St. Martins College, avviċinah John Micallef, qallu li huwa uffiċjal tal-MEPA u staqsieh jekk kienx interessat li jiżviluppa l-għalqa f'appartamenti, Carmelo interessa ruħu u peress li l-għalqa kienet bi sħab ma' ħuh li miet u l-werriet kien Jesmond, qallu li kien ser iċempel lin-neputi Jesmond. Ċempillu u bdew in-negozjati minn hemm. Skond huma John qalilhom li peress li hu uffiċjal tal-MEPA jista' jgħaġġel il-proċess tal-permessi però ried ikun hemm kumpens u dan il-kumpens apparentement kien ta' €21,000. Huma qalu li fil-fatt urew xi karti tagħhom u fil-fatt il-€21,300 ma ngħatawx kollha f'salt, l-ewwel kienu taw somma ta' sitt elef, imbagħad somma ta' tmint elef u ħames mitt Euro, somma*

[13] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Settembru 2019, fol. 33 sa' 35 tal-proċess.

*ta' elfejn u disa' mitt Euro u imbagħad somma ta' sitt elef u hames mitt Euro. Fil-fatt x'hin tghaqqadhom kollha dawn jigu tlieta u għoxrin elf u disa' mitt Euro. Jekk minix sejjer żball is-somma ta' elfejn u disa' mitt Euro kienet ingħaddiet bil-Western Union. Ovvjament peress li Dr. Mario Mifsud għamel ukoll domandi fil-konfront, ġustament staqsa lil Jesmond Debono ghal xiex kien fdah dak l-ammont u Jesmond qal li qallu, "missierek ukoll kellu nteress li jagħmel xi ħaġa fl-għalqa għax fil-fatt fl-1987 kien applika għall-permess," u fil-fatt kien irriżulta li kien veru. Allura peress li dak li qal John lil Jesmond kien minnu, iddeċieda li jemmnu. Darb' oħra Jesmond qal li kien fdah ukoll għax kien talbu biex it-triq ta' l-għalqa tiġi one way u qal, "mhux talli ġiet one way minn naħa imma ġiet one way minn żewġ naħat jiġifieri karozzi qatt ma jgħaddu jiġifieri mhux ser idejquna u allura bdejt nafdah." Imbagħad il-konfront waqaf hemm u komplejna bl-interrogazzjoni, ħadna statement u fl-istatement staqsejtu, għax kont naf li kien jahdem mal-Kunsill Lokali ta' l-Imsida, jekk setgħax kien ġab xi dettalji forsi mis-sistema tagħhom u forsi għalhekk kien jaf li l-papà ta' Jesmond kien applika xi darba għall-permess, però qal li ma kellux aċċess ghal dawk id-dettalji. Ovvjament jiena ma stajtx nagħmel request mal-Kunsill Lokali għax il-każ ġara fl-2016. Sussegwentement baqa' jinsisti li dawn il-flus kienu b'self, qalilhom f'wiċċhom li dan kien b'self u huma baqgħu jgħidulu, "dak mhux veru kien b'self; dawk tajniehomlok biex iġġibilna l-permessi," u baqgħu jinsistu dejjem bla tlaqliq kontra dan John Micallef li ma tantx kien konvinċenti fil-konfrontazzjoni almenu kif rajtha jiena.*

L-istqarrija ta' l-imputat li jagħmel referenza għaliha l-Ispettur Ransley tinsab esebita bħala Dok. "JR4" a fol. 19 u 20 tal-proċess.

Waqt is-seduta ta' l-20 ta' Awwissu 2020, l-Ispettur Jonathan Ransley esebixxa sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Giovanni Micallef" pronunċjata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru 2008 - Dok. "JRX" a fol. 92 sa' 96 tal-proċess - u fir-rigward iddikjara li bis-sentenza *datata 19 ta' Novembru tas-sena 2008 mogħtija mill-Imħallef David Scicluna fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali fejn Giovanni Micallef li huwa l-istess bniedem, l-imputat bażikament, kien weħel 9 xhur sospiżi għal 4 snin.* Għall-mistoqsija tal-Qorti jekk kienx l-Uffiċjal Prosekutur f'dawk il-proċeduri, l-Ispettur Ransley wieġeb li ma kienx l-Uffiċjal Prosekutur f'dawk il-proċeduri u għall-mistoqsija ulterjuri tal-Qorti minn fejn mis-sentenza esebita jirriżulta li Giovanni Micallef hemm imsemmi huwa l-istess John Micallef, ossia l-imputat, l-Ispettur Ransley wieġeb *għaliex hu proprja Giovanni Micallef u mhux John Micallef*[14].

Il-fatt li Jasmond Debono u Carmelo Debono għamlu rapport ġewwa l-Għassa ta' l-Imsida fil-konfront ta' l-imputat jirriżulta kkonfermat minn **PS 1268 Ivan Caruana**[15], illi xehed li *nhar it-8 ta' Awwissu tas-sena 2019 għall-ħabta tan-nofs siegħa ta' wara nofsinhar ġie l-għassa tal-Imsida ċertu Jesmond Debono bl-id card number 229084(M) kif ukoll Carmelo Debono bl-id card number 9322744(M) u dawn xtaqu jagħmlu rapport peress li kienu ġew mibgħutha mill-avukat tagħhom fuq frodi. Aħna tlabnihom biex jispjegawlna x'ġara u huma stqarrew li għandhom biċċa għalqa li tinsab ġo triq Indri Grima fl-Imsida fejn ġew kuntattjati minn ċertu*

[14] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Awwissu 2020, fol. 90 u 91 tal-proċess.
[15] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Ottubru 2019, fol. 68 u 69 tal-proċess.

*John Micallef bl-id card number 413263(M) fejn dan qalilhom li huwa rappreżentant tal-Mepa u jaħdem hemmhekk u jekk jagħtuh is-somma ta' €21,300 fi żmien 3 xhur kien iġibilhom il-permessi biex din l-għalqa tkun tista' tinbena. Dawn baqgħu jistennew it-3 xhur jgħaddu, għaddew it-3 xhur, pruvaw jikkuntattjawh u meta jikkuntattjawh kien jew jaqtgħalhom, ma jweġibhomx u ppruvaw anke jkellmuh imma kien kollu ta' xejn.*

Ir-rapport li Jasmond Debono u Carmelo Debono għamlu ma' l-Għassa ta' l-Imsida jinsab esebit bħala Dok. "JR3" a fol. 17 u 18 tal-proċess. Bħala fatt ma' dan ir-rapport hemm ukoll *updates* magħmula mill-Ispettur Ransley fir-rigward tal-kuntatt li kien sar ma' l-imputat għall-appuntament ġewwa l-Għassa ta' Tas-Sliema għall-15 ta' Awwissu 2019 u fir-rigward ta' l-interrogazzjoni ta' l-imputat fit-22 ta' Awwissu 2019 u tal-konfront ma' Jasmond Debono u Carmelo Debono.

**Jasmond Debono**[16], xehed illi għall-ħabta ta' Diċembru 2016, l-imputat, illi għarfu fl-Awla, kien mar fuq zijuh, illi kien qed jagħmel xi xogħol ġewwa l-għalqa li għandhom is-Swatar, liema għalqa tiġi fuq il-Wied ta' l-Imsida, u qallu li huwa rappreżentant tal-MEPA u li kien hemm chance li forsi jġibu l-permessi għall-iżvilupp ta' l-għalqa. Din l-għalqa hija bi sħab bejnu, ħutu u ommu, bħala werrieta ta' missieru, mejjet, u dan zijuh. Jasmond Debono xehed illi *aħna konna ilna nippruvaw għall-permessi tal-bini imsomma u affarijiet minn dawn u qallu jiena naħdem il-Mepa u qallu illi għandhom dritt iġibu l-permessi. Iz-ziju mbagħad ċempel lili għaliex jiena kont xogħol u qalli biex immur ftit u jiena għidtlu li wara ix-xogħol kont se immur hemmhekk u nżilt wara x-xogħol u ħadtlu l-permessi li kellna u l-pjanti u f'ħin minnhom resaq naqra 'l bogħod minna u beda jgħidilna illi għandna dritt ... biex nibnu għaliex din dejjem kienet f'idejn missieri imbagħad meta ħadt over jiena għidt jekk kellna ċ-ċans għaliex m'għandniex għalfejn niħduh. Jiena għadni zgħir. Inżilt wara nofsinhar u ħadtilhom l-affarijiet u bdejna inparlaw u beda jgħidli li missieri kellu l-permessi fi żmien in-Nazzjonalisti u jiena għidtlu jekk hemm ċans nieħduh basta jkollna kollox by the book. Jiena għidtlu illi affarijiet minn taħt jiena ma rrid xejn. Għidtlu l-importanti li jkollna kollox kif suppost għaliex jiena ma rridx inkwiet f'ħajti. Hu qalli biex inserrħu rasna u li se jkollna kollox by the book u kif suppost in order. ... Qalilna li ovvjament aħna ma kellniex għalfejn ninkwetaw, biex inħallu kollox f'idejh u li kien se jmexxi kollox hu. ... Iġib il-permessi u jaħdem hu. Hu qalilna li kull ma ried kien li jiġbor il-flus u biex inħallu kollox f'idejh.*

Debono xehed li l-imputat talbu ħlas tas-somma ta' €500 għal kull plot, ossai għal 27 plot, u l-kumplament tal-flus kellhom ikopru xi miżati minħabba l-permessi tal-bini tal-MEPA. Mistoqsi għalfejn ma marrux direttament huma l-MEPA u applikaw għall-permessi, Jasmond Debono wieġeb *il-problema hi li hemmhekk kellna problema dak iż-żmien f'idejn missieri. ... Darba minnhom kien ħadha l-gvern, għamlu żmien il-Qorti, reġgħu rebħuha u qisu missieri qata' qalbu u anke z-ziju in fatti. Allura meta ġie John Micallef fuq iz-ziju imbagħad tkellimt miegħu jiena u offrielna din l-opportunità rajniha sabiħa.* Jasmond Debono spjega li f'Diċembru ta' l-2016, l-imputat kien qalilhom li sa' Frar tas-sena ta' wara kien se jkollhom il-permessi. Dwar kemm talabhom flus l-imputat, Debono xehed *l-ewwel darba s-Sibt meta ltqajna*

[16] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Ottubru 2019, fol. 39 sa' 49 tal-proċess.

*talabna €19,000 u z-ziju tah €6,000 mill-ewwel imbagħad it-Tlieta erġajt iltqajt miegħu jiena u qalli l-prezz ogħla u jiena għidtlu mela l-affarijiet hekk jogħlew mill-lum għall-għada. Qalli iva l-prezz ġie €21,300 għaliex kien hemm xi charges li ma qalilniex bihom.* Mistoqsi dwar x'charges kienu dawn, Jasmond Debono wieġeb *ma qallix. Jiena mbagħad ċempilt liz-ziju u għidtlu li ogħla l-prezz u qalli m'hemmx x'tagħmel u jkollna nħallsuhom. Jiena sadanittant inċempel lil ħuti għaliex jgħixu barra għaliex jiena ma nistax nieħu deċiżjoni waħdi u tawni l-go ahead.* Mistoqsi għal xiex kien dan il-ħlas lill-imputat, Jasmond Debono wieġeb *biex joħroġ il-permessi u jitħallas ta' xogħlu.*

Debono stqarr ulterjorment li għalkemm l-imputat kien qalilhom li l-permessi kienu se joħorġu sat-13 ta' Frar 2017, sad-data nwegħda l-permessi ma ħarġux u baqgħu ma ħarġux. Meta pprova jikkomunika ma' l-imputat beda jsib il-mobile mifti u meta eventwalment irnexxielu jagħmel kuntatt miegħu dan, ossia l-imputat, qallu li kellu problema għaliex l-mara kellha inċident iżda baqa' jwegħdu li l-permessi kienu se joħorġu; dawn però baqgħu ma ħarġux. Jasmond Debono xehed illi l-pagamenti dejjem saru in kontati u ta' dawn esebixxa dokumenti relattivi markati Dok. "JD2" sa' Dok. "JD7" a fol. 51 sa' 56 tal-proċess. Xehed ukoll li huwa baqa' jċempel lill-imputat iżda meta raw li l-kwistjoni kienet ser ittul, hu u zijuh iddeċidew li jitolbu l-flus lura lill-imputat. Minkejja diversi wegħdiet li kien se jroddilhom il-flus lura dawn baqgħu ma tħallsux lura sakemm fl-aħħar huma ipproċedew bil-ħruġ ta' Ittra Uffiċjali ppreżentata fit-30 ta' Ottubru 2018[17] permezz ta' liema interpellaw lill-imputat jirrifondilhom is-somma ta' €21,300 minnhom avvanzata lilu. Meta imbagħad darba minnhom qara li ċertu John Micallef mill-Għargħur kien ġie arrestat fuq frodi, hu u zijuh iddeċidew jagħmlu rapport mal-Pulizija peress illi dan seta' kien l-istess persuna lil min huma kienu taw il-flus. B'referenza għall-pretensjoni ta' l-imputat li l-flus in kwistjoni ngħataw lilu minn Jasmond Debono u Carmel Debono b'self, Jasmond Debono xehed illi *aħna ltqajna mal-ispettur fl-għassa ta' Tas-Sliema, kien hemm l-avukat preżenti u Johnny u bdejna nitkellmu u hu qed jgħid li l-flus slifnihomlu meta aħna mhux veru slifnihomlu dawn. Aħna l-flus konna tajnihomlu biex jaħdem għall-affarijiet li wegħdna. Aħna lanqas biss ma konna nafu li ma jaħdimx il-Mepa.*

In kontro-eżami għall-mistoqsijiet *ħa nagħmillek referenza għad-dokumenti li inti ippreżentajt. F kull dokument li hawn preżentat int u zijuk wisq probabbli ma tagħmel l-ebda referenza għall-Mepa. Għal liema raġuni ma tagħmilx referenza għall-Mepa? Ara jekk nissuġġerilek li intom ma għamiltux referenza għall-Mepa għaliex intom kontu tafu li jekk vera huwa tal-Mepa intom kontu qed tagħmlu xi ħaġa ħażina? Inti tagħmel referenza fix-xhieda tiegħek illi l-ewwel darba fi żminijiet differenti, il-permessi ma ħarġux. Dak iż-żmien meta ma ħarġux il-permessi għand min mortu? Jiġifieri dakinhar ma ħassejtux il-bżonn li tmorru u issibu lil xi ħadd tal-Mepa biex tirranġaw?* Jasmond Debono wieġeb *għaliex Johnny kien wegħdna illi fi Frar se nirċievu l-irċevuti kollha tal-Mepa u bqajna qatt ma rċevejnihom. … Aħna sa' dak iż-żmien konna nafu li huwa tal-Mepa imma illum mhuwiex tal-Mepa. Lanqas qatt ma ħadem fil-Mepa. … Aħna konna applikati. Jiena għandi l-applications id-dar. … Jekk ġie fuqna hu ma kellniex għalfejn immorru l-Mepa aħna. Dan hu ġie fuqna u mhux aħna morna fuqu.* Debono xehed ulterjorment

[17] Dok. "JD1" a fol. 50 tal-proċess.

li meta avviċinahom l-imputat huwa kien bil-bastun u kellu file f'idejh mimli karti. Iddikjara wkoll li fl-Ittra Uffiċjali maħruġa fil-konfront ta' l-imputat ma jissemma xejn dwar ir-raġuni għalfejn ingħataw il-flus lill-imputat, stante li x'aktarx insew jispjega lill-Avukat tagħhom ir-raġuni għalfejn ġew hekk avvanzati tali flus.

In ri-eżami mistoqsi mill-Prosekuzzjoni x'wassalhom biex jafdaw lill-imputat u jgħaddulu dawk il-flus kollha, Jasmond Debono wieġeb *għaliex kif ġie fuqna u beda jgħidilna l-affarijiet kif inhuma … Li hemmhekk hemm il-permessi, kif inhuma għaddejjin l-iskemi, ta min hu l-bini tal-madwar kollu u l-artijiet kollha ta min huma. Issa biex tkun taf 75 tomna kollha ta min huma u min xtara u min ma xtarax hija xi ħaġa kbira. Lanqas jiena stess ma naf ta min hi l-art ta ma' ġenbna. Imbagħad jiġi bniedem bħal Johnny u jgħidlek li dik hija ta dak, dik ta dak u dik ta dak. Imbagħad hemmhekk tibda tgħid illi dan ir-raġel, apparti minn hekk darba minnhom staqsejnieh minħabba l-isqaq għaliex kienu jitilgħu u jinżlu gas down minnu. … Sqaq li jagħmel mar-razzett. Illum biddlulu ismu dan l-isqaq mingħalija Fumicelli. Jiena għidtlu lil Johnny li kellna problema bl-isqaq u għidtlu jekk kienx hemm xi ċans forsi nagħmluh one way u qalli mhux problema. Mhux talli ma għamlux one way imma talli għamlu one way miż-żewġ naħat kemm minn fuq u kemm minn isfel.* Mistoqsi kif jafu li din tal-one way kien għamilha l-imputat, Jasmond Debono wieġeb *għaliex l-għada li kellimnieh rajna t-tabelli daqshiex b no entry fuqhom kemm minn fuq u kemm minn isfel. Allura inti bla ma trid tgħid mela dan vera jaħdem il-Mepa. Dan biex tagħmel sqaq one way miż-żewġ naħat irid ikollok naqra saħħa mhux ħażin. Irid ikollok saħħa kbira biex tagħmel sqaq one way miż-żewġ naħat.*

Prodott bħala xhud tad-Difiża, Jasmond Debono[18] iddikjara li l-imputat wasal fi ftehim miegħu u ma' zijuh li jħallashom lura s-somma €23,800 permezz ta' pagamenti mensili ta' €400 il-wieħed. Fir-rigward tal-pagamenti huwa xehed illi *mhuwiex qed ikun kull xahar però jekk ikunu għaddew 5 xhur, qed jagħtini ta 5 xhur mill-ewwel. Mhuwiex qed ifalli pagamenti. … Striħajt ħafna, jiena m għandix xi ngerger. Jiena jekk jgħaddu 7 xhur, John jiġi u jagħtini ta 7 xhur u nagħmillu irċevuta.* Mistoqsi kemm fadal mill-ammonti totali x'jitħallas, Jasmond Debono wieġeb *baqa ħafna, għadna lura għaliex s issa tani 1,000, 1,200, 1,600 u on the 9th se jagħtini 2,500* u li għalkemm l-ammont globali huwa ta' €23,800, tenna li l-imputat *qed jirrispetta l-400 fix-xahar, jiġifieri jiena ma nistax ingerger.*

**Carmelo Debono[19]** xehed fuq l-istess vena bħal Jasmond Debono u ddikjara li darba minnhom meta kien qiegħed fl-għalqa tiegħu u tal-familja ta' ħuh mejjet, avviċinah l-imputat, illi għarfu fl-Awla, u wara li staqsieh jekk ir-razzett kienx tiegħu u hu qallu li kien tiegħu u tat-tifel ta' ħuħ, l-imputat qallu riedx iressaqlu r-razzett għall-permessi peress illi kien jaħdem il-MEPA. Peress illi hemmhekk ma huwiex tiegħu biss qal lill-imputat li ried ikellem lit-tifel ta' ħuh, ossia lil Jasmond Debono. Waslu fi ftehim ma' l-imputat u hu (ossia Carmelo Debono) ħallsu s-somma ta' madwar €10,300 u Jasmond Debono ħallas l-istess ammont bħalu, dawn il-ħlasijiet saru permezz ta' diversi pagamenti. Minkejja dan però l-permessi baqgħu qatt ma ħarġu. Carmelo Debono qal li huma fdaw fl-imputat u kien għalhekk illi tawh il-flus.

[18] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Marzu 2021, fol. 104 u 105 tal-proċess.
[19] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Ottubru 2019, fol. 58 sa' 63 tal-proċess.

Xehed ukoll li dak iż-żmien kien konxju mill-fatt li l-imputat kien jaħdem il-Kunsill Lokali ta' l-Imsida u in risposta għall-mistoqsija in kontro-eżami *jekk hu f'ħin minnhom inti kont taf li hu jaħdem mal-Kunsill Lokali, nissuġġerilek illi inti ħsibt li kien jaħdem part-time mal-MEPA?* Carmelo Debono wieġeb *jiena peress li hu kien jaħdem hemmhekk jiena ma tajtx każ.*

**Paul Vassallo** in rappreżentanza ta' Fexserv Financial Services[20], b'referenza għad-dokumenti esebiti a fol. 54 u 55 tal-proċess, xehed illi d-dokument a fol. 54 tal-proċess huwa riċevuta li Fexserv tagħti lill-klijenti tal-Western Union li jusufruwixxu mis-servizzi ta' Fexserv. It-transazzjoni pertinenti għal dik l-irċevuta kienet li Jasmond Debono residenti 15, Gesù Redentur, Triq il-Vittorja, Ħamrun, kien għamel transfer tas-somma ta' €2,900 lil ċertu John Micallef ġewwa l-Bulgarija. Dan it-transfer seħħ fl-24 ta' Diċembru 2016 u ġew irtirati mill-Bulgarija fl-istess ġurnata, ossia fl-24 ta' Diċembru 2016.

**Eunice Grech Fiorini**, Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali[21], esebiet id-delega mogħtija lill-Asset Recovery Bureau sabiex ikun jista' jsir l-inventarju ta' l-assi ta' l-imputat wara l-ħruġ ta' Ordni ta' Iffriżar fil-konfront tiegħu fl-10 ta' Settembru 2019. Id-dokument ġie esebit bħala Dok. "EG" a fol. 67 tal-proċess.

Kif già iktar 'l fuq osservat, bin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 20 ta' Jannar 2020[22], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub taħt *inter alia* l-Artikoli 308, 309, 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 308 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *Kull min, b mezzi kontra il-ligi, jew billi jagħmel uzu ta ismijiet foloz, jew ta kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b qerq ieħor, ingann, jew billi juri ħaga b oħra sabiex igiegħel titwemmen l-ezistenza ta intraprizi foloz, jew taħ 'ila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara taħ 'addieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta prigunerija minn sena sa' seba snin.*

L-Artikolu 309 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *Kull min, bi ħsara ta ħaddieħor, jagħmel xi qligħ ieħor b qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta qabel ta dan is-Sub-titolu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tkun ta prigunerija minn xahrejn sa' sentejn jew il-multa.*

L-Artikolu 310 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jittratta dwar l-iskala tal-piena għal reati ta' frodi - inklużi dawk previsti fl-Artikolu 308 u 309 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta - skond l-ammont tal-ħsara, u s-subartikolu (1) subparagrafu (a) jipprovdi li: *meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati huwa aktar minn ħamest elef euro (€5000), il-piena tkun ta prigunerija minn sentejn sa' disa snin.*

Dawn il-provvedimenti tal-Liġi jittrattaw dwar ir-reat ta' truffa (Art. 308 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta) u r-reat minuri ta' frodi nnominata (Art. 309 tal-Kap.9 tal-

---

[20] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Lulju 2020, fol. 86 u 87 tal-proċess.
[21] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Ottubru 2019, fol. 65 u 66 tal-proċess.
[22] Fol. 75 tal-proċess.

Liġijiet ta' Malta). Huwa ormai prinċipju assodat fis-sistema ġuridika nostrali li *sabiex jissussisti r-reat tal-frodi jew truffa … iridu jikkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suġġett attiv u s-suġġett passiv tar-reat u cioè bejn min qiegħed jikkommetti r-reat u l-vittma. Hemm imbagħad l-element materjali ta' dana r-reat u cioè l-użu ta' ingann jew raġġiri li jwasslu lill-vittma sabiex isofri t-telf patrimonjali. Finalment huwa neċessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantaġġ għalih innifsu. Jekk xi wieħed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura r-reat tat-truffa ma jistax jissussisti. … Hu neċessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagaċja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu neċessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu senitmenti kif hemm indikat fil-liġi. … Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioè kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jingħad illi jrid ikun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oġġett li jkun fi profit inġust tiegħu. L-inġustizzja tal-profitt toħroġ mill-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali fejn il-kliem "bi ħsara ta' ħaddieħor" ma jħallux dubbju dwar dan. Jiġifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bżonn li s-suġġett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tiegħu jkun konxju ta' l-inġustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-leġittima produttivita tal-profitt hija biżżejjed biex teskludi d-dolo. … l'elemento del danno patrimoniale - biex imbagħad jissusisti dana t-tip ta' reat huwa neċessarju illi jeżistu 'i tre momenti di cui si compone il reato è cioè la produzione dell'artificio, nella successiva induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente. … L'agente … deve volere non solo la sua azione ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizazzione di quel profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volontà sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato* [Francesco Antolisei][23].

Fir-rigward tar-reat minuri ta' frodi nnominata jiġi osservat li għalkemm l-element tar-raġġiri jew ta' l-artifizi huwa nieqes b'dana li anke gidba sempliċi hija biżżejjed għat-twettiq ta' dana ir-reat, dana xorta jrid iwassal sabiex il-vittma, ossia s-suġġett passiv ta' dan ir-reat, issofri xi telf partimonjali. F'tali rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmela German**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-30 ta' Diċembru 2004, fejn ġie osservat illi *kwantu għall-kwistjoni jekk il-gibda sempliċi - a differenza ta' l-artifizji u raġġiri - tistax tammonta ossia twassal għar-reat ta' frodi nnominata, ir-risposta hija ċertament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta għal qera, cioè intiża jew preordinata sabiex il-persuna l-oħra (il-vittma) tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment għal min jgħid dik*

[23] Il-Pulizija v. David Paris, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-18 ta' Frar 2019 u kkonfermat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-12 ta' Diċembru 2019, Il-Pulizija v. Maria Xuereb et, Appell Kriminali 131/15, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-22 ta' Settembru 2016, Il-Pulizija v. Patrick Spiteri, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-22 ta' Ottubru 2004 u Il-Pulizija v. Charles Zarb, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-22 ta' Frar 1993

*il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet għal dana it-telf min-naħa u arrikkiment min-naħa l-oħra.*

Fejn jidħol ir-reat tal-frodi hekk kif kontemplat fl-Artikolu 308 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, a differenza tar-reat minuri tal-frodi nnominata kif kontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, hija meħtieġa l-*mise en scene*. Fir-rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Pawlu Grech, Każ Nru. 806/09** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-5 ta' Ġunju 2012, fejn b'referenza għal diversi sentenzi pronunċjati mill-Qrati nostrali, ġie osservat illi: *fil-liġi tagħna element essenzjali għall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene cioè dawk l-artifizi jew raġġiri idonei li jinduċu u li effettivament kienu induċew lill-vittma fi żball - l-ingann - u li b'konsegwenza ta' dak l-iżball il-vittma tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligħ għall-aġent … liema telf u qligħ ikun riżultat ta' xi ħaġa li tagħmel jew tonqos li tagħmel il-vittma għax tkun ġiet ingannata*[24]*. Illi dwar id-distinzjoni bejn ir-reat ta' truffa u r-reat minuri ta' frodi nnominata, huwa ormai ben stabbilit ukoll fil-ġurisprudenza tagħna li din id-distinzjoni hija determinata mit-tip ta' ingann adoperat mill-aġent. It-tlett elementi fuq elenkati huma rikjesti għaż-żewġ reati; huma l-mezzi adoperati biex jiġi perpetrat l-ingann li jiddistingwi t-truffq mill-frodi nnominati. Fil-liġi tagħna biex ikun hemm it-truffa jew il-fordi nnominata jrid ikun ġie perpetrat mill-aġent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligħ għall-aġent. Dan it-telf ħafna drabi ikun jikkonsisti filli l-vittma propju għax ingannata, volontarjament tagħti xi ħaġa lill-aġent. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raġġiri jew artifizi, dak li fid-dottrina huwa msejjaħ mise en scene, ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata*[25]*. Illi dwar il-messa in xena l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk: Il-Liġi tagħna ma tirrikjedix li l-messa in xena, cioè dawk l-artifizji jew raġġiri, ikunu xi ħaġa kkumplikata jew arkittetta b'ħafna pjanijiet*[26]*. X'jikkostitwixxi r-raġġiri u l-artifizji kkommenta wkoll l-istess Antolisei: "artifizio è ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando ciò che non esiste, sia dissimulando … cioè che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: più precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verità. … È certo che l'espressione del codice di per sè richiama l'idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera. Dan l-awtur però ikompli jgħid li: nell'applicazione pratica della legge questa idea è andata sempre più affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si è finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna può bastare per dare vita alla truffa.*

Il-Qorti tagħmel referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Marjanu Zahra** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-2 ta' Marzu 2011 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Mejju 2012, fejn ġie osservat li *dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi "hemm bżonn biex ikun reat taħt l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li*

---

[24] Pulizija v. Emanuel Ellul, deċiża fl-20 ta' Ġunju 1997.
[25] Il-Pulizija v. Carmela German, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Diċembru 2004.
[26] Il-Pulizija v. Emanuel Ellul, deċiża fl-20 ta' Ġunju 1997.

*jsaħħah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-teżi hija dik aċċettata fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleġġjalment komposta fil-kawża "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha ntqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed è necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede." Għar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti iċċitat lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi "kif jidher mid-diċitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bżonn li tirriżulta materjalità speċifika li isservi ta' supstrat għall-verosimiljanza tal-falsità prospettata bħala vera u b'hekk bħala mezz ta' qerq. Ma huwiex biżżejjed għal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, lużingi, promessi, mingħajr l-użu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilità l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-liġi tagħti protezzjoni speċjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kważi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-sempliċi u lużingi, u li tagħti li dawk l-esterjorità ta' verità kif tirrendi l-idea l-espressjoni feliċi fid-dritt Franċiż mise-en-scene."*

Mill-provi prodotti n-ness bejn is-suġġett attiv u s-suġġett passiv tar-reat, ossia bejn l-imputat u Jasmond Debono u Carmelo Debono, jirriżulta lil hinn minn kull dubju raġonevoli. Apparte dak li xehdu Jasmond Debono u Carmelo Debono, fejn il-verżjoni tal-fatti tagħhom baqgħet konsistenti kemm fl-istadju ta' l-investigazzjoni kif ukoll fil-kors ta' dawn il-proċeduri fix-xhieda mogħtija minnhom, mid-dokumenti esebiti minn Jasmond Debono, ossia d-dokumenti markati Dok. "JD2" sa' Dok. "JD7" a fol. 51 sa' 56 tal-proċess, jirriżulta ferm ċar li hu u zijuh għaddew flus lill-imputat.

Bħala fatt l-imputat ma jiċħadx li Jasmond Debono u Carmelo Debono għaddewlu flus iżda jikkontendi li dawn ingħataw lilu bħala self u mhux għaliex ippreżenta ruħu lilhom bħala uffiċjal tal-MEPA u wegħdhom li seta' jġibilhom permessi għall-iżvilupp fuq l-għalqa tagħhom f'qasir żmien[27].

Il-Qorti ser tissofferma ruħha fuq dan il-punt qabel ma tgħaddi biex tikkonsidra l-elementi l-oħra tar-reati li qed jiġi akkużat bihom l-imputat.

L-istitut jew aħjar il-kuntratt ta' self jew mutwu huwa regolat bl-Artikolu 1842 tal-Kodiċi Ċivili, Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu tal-Liġi jipprovdi li: *il-mutwu jew self għall-konsum huwa kuntratt li bih waħda mill-partijiet tikkunsinna lill-oħra xi kwantità ta' ħwejjeġ li jintemmu bl-użu, bl-obbligu ta' min jissellef li jrodd lil min jislef daqshekk ieħor ta' l-istess xorta u kwalità.* L-elementi kostituttivi tas-self huma *it-traditio rei, fil-każ in diżamina l-konsenja tal-flus, u li tali konsenja saret b'titolu li jimporta l-obbligu fl-accipiens li jirrestitwixxi l-ekwivalenti tas-somma mislufa*[28]. Il-Qorti tagħmel referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Perit Ondre Camilleri v. Leslie Corney**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-27 ta' Ottubru 2000, fejn ġie osservat li l-kuntratt ta' self *huwa kuntratt li bih min jislef javvanza flus lil min issellef, li minn naħa tiegħu jassumi l-obbligu li*

[27] Vide l-istqarrija rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija Eżekuttiva fit-22 ta' Awwissu 2019, Dok. "JR4" a fol. 19 u 20 tal-proċess.
[28] Mary Farrugia pro et noe v. Pacifico Bonnici et noe, Ċitaz. Nru. 744/94 deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Ġunju 2005.

*jirrestitwihom. Bħal kull kuntratt ieħor, kif dejjem, jista' jkun wieħed ċar u speċifiku, jista' jkun ukoll dezunt mill-provi ċirkostanzjali li ma jħallu l-ebda dubju f'moħħ il-ġudikant x'kienet il-volontà kontrattwali tal-partijeit involuti fin-negozju.*

Minn eżami akkurat tad-dokumenti esebit minn Jasmond Debono jirriżulta li fid-9 ta' Diċembru 2016[29], daħlu fis-segwenti ftehim ma' l-imputat: *jien Karmelo Debono ID 93274M u Jasmond Debono 229084M qegħdin jagħti l-aċċess lil John Micallef biex jaħdem f'isimhom. John qiegħed jikkommetti ruħu li sa' 20/2/17 jeħles dak li ftehmna*. Mid-diċitura ta' dan il-ftehim huwa bilwiasq evidenti li ma hemm l-ebda self miftiehem bejniethom, anzi jidher li l-imputat wegħdhom u aċċetta li jaħdem għan-nom tagħhom fir-rigward ta' xi ħaġa - ħaġa li fil-ftehim ma ssemmietx iżda li mill-provi prodotti jirriżulta li kienet il-wegħda li jottjeni għalihom permessi għall-iżvilupp ta' l-għalqa tagħhom fi żmien tlett xhur. Ir-riċevuta datata 9 ta' Diċembru 2016[30] evidentement tkompli ma' dak miftiehem bejn l-imputat u Jasmond Debono u Carmelo Debono. Fiha appuntu jingħad *jien irċevejt is-somma ta' €6,000 biss mingħand Carmelo Debono ID 932744(M). Dawn iridu jitħallsu lura jekk ma isirx dak li ftehmna sa' 20/2/2017*. Minn din id-diċitura wkoll jirriżulta ċar li s-somma ta' €6,000 ma ngħatatx lill-imputat bħala self. Għalkemm ir-riċevuta datata 15 ta' Diċembru 2016 tgħid *I received the sum of €8,500 from Carmelo Debono and Jasmond Debono. This have to to be return back till 20 February 2017*, il-Qorti hija fermament konvinta li din l-irċevuta hija marbuta mal-ftehim milħuq bejniethom - li jiġi ribadit ma kienx ftehim ta' self - fid-9 ta' Diċembru 2016, ossia li l-imputat *jaħdem f'isimhom*. Jiġi osservat ukoll li fir-riċevuta tal-11 ta' Frar 2017[31], fejn l-imputat irċieva s-somma ta' €6,800 minghand Jasmond Debono u Carmelo Debono, ma hemm assolutament xejn imsemmi dwar ir-restituzzjoni ta' l-istess ammont ta' flus. Dana huwa fattur ulterjuri li jxejjen għal kollox l-allegazzjoni ta' l-imputat li l-flus li huwa rċieva mingħand Jasmond Debono u Carmelo Debono rċevihom b'titolu ta' slef.

Apparte minn dan kollu appena osservat, huwa għal kwantu inverosimili li xi ħadd jagħti flus għal xejn b'xejn jew isellef flus lil persuna oħra, li kien għadu kemm iltaqa' magħha, hekk kif l-imputat jallega li ġara, iktar u iktar meta s-somma involuta tkun dik mhux irrizorja ta' ben €23,900, li €2,900 minnhom addirrittura ntbagħtu lill-imputat barra minn Malta, ossia l-Bulgarija[32].

Il-Qorti għalhekk ittenni li l-flus mgħoddija minn Jasmond Debono u Carmelo Debono lill-imputat ma għaddewx b'titolu ta' self iżda ngħataw lilu talli kien qed jaħdem f'isimhom - li mix-xhieda mhux kontradetta u konsistenti ta' Jasmond Debono u Carmelo Debono rriżulta li kien biex iġibilhom permessi ta' l-iżvilupp fuq l-għalqa tagħhom fi żmien qasir.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat jirriżulta ppruvat lil hinn minn kull dubju raġjonevoli l-element tat-telf patrimonjali ta' Jasmond Debono u Carmelo Debono. Wara illi taw il-flus lill-imputat biex iġibilhom permessi ta' l-iżvilupp fuq l-għalqa tagħhom fi

[29] Dok. "JD4" a fol. 53 tal-proċess.
[30] Dok. "JD3" a fol. 52 tal-proċess.
[31] Dok. "JD7" a fol. 56 tal-proċess.
[32] Dok. "JD5" u Dok. "JD6" a fol. 54 u 55 tal-proċess.

żmien qasir baqa' ma għamel xejn minn dak imwiegħed - għaliex fil-verità qatt ma kien se jagħmel xejn minn dan kollu - u ma rritornalhomx il-flus minnhom lilu mħallsa, minkejja diversi talbiet inkluża interpellazzjoni ġudizzjarja permezz ta' Ittra Uffiċjali datata 30 ta' Ottubru 2018[33]. Kien in-nuqqas ta' refużjoni ta' l-ammont imħallas lill-imputat li wassal lil Jasmond Debono u Carmelo Debono biex jagħmlu rapport fil-konfront tiegħu mal-Pulizija, liema rapport eventwalment ta lok għall-proċeduri odjerni. Mix-xhieda ta' Jasmond Debono mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Marzu 2021[34], fejn ġie prodott bħala xhud mid-Difiża, jirriżulta ukoll kien biss fil-mori ta' dawn il-proċeduri li l-imputat wasal fi ftehim magħhom biex jibda jħallas lura tali ammont b'pagamenti mensili. Minn din ix-xhieda jirriżulta li minn somma komplessiva ta' €23,800, li hija s-somma pretiża minn Jasmond Debono u Carmelo Debono, sa' dakinhar l-imputat kien ħallas biss is-somma ta' €3,800.

Stabbilit dan kollu jeħtieġ issa jiġi determinat kif Jasmond Debono u Carmelo Debono wasslu biex jagħtu lill-imputat somma komplessiva u mhux irriżorja ta' ben €23,800. Essenzjalment għalhekk il-Qorti trid tistabilixxi jekk jissussistix l-element ta' l-użu ta' ingann jew raġġiri li wasslu lil Jasmond Debono u Carmelo Debono biex isofru t-telf patrimonjali.

Il-Qorti hawn għal' darb' oħra tosserva li l-verżjoni tal-fatti mogħtija minn Jasmond Debono u Carmelo Debono - ossia li f'Diċembru ta' l-2016 avviċinahom l-imputat bil-pretiża li huwa rappreżentant tal-MEPA u bħala tali seta' jġibilhom il-permessi ta' l-iżvilupp għall-għalqa tagħhom fi żmien qasir, senjatament fi żmien tlett xhur - hija ferm kredibbli u ta' min joqgħod fuqha. Din il-verżjoni tal-fatti baqgħet mhux biss konsistenti kemm fl-istadju ta' l-investigazzjoni kif ukoll fl-istadju tal-provi ta' dawn il-proċeduri, iżda ma ġiet kontradetta bl-ebda mod.

Il-pretiża ta' l-imputat li huwa rappreżentant tal-MEPA rriżultat li hija għal kollox gibda. In effetti l-imputat stess fl-istqarrija[35] tiegħu - stqarrija rilaxxata wara li ingħata id-drittijiet kollha u kellu preżenti miegħu l-Avukat tiegħu - għall-mistoqsija *inti f'liema żmien kont taħdem mal-MEPA?* l-imputat wieġeb *qatt*. Minn dan isegwi għalhekk li dak kollu li l-imputat qal lil Jasmond Debono u Carmelo Debono biex jottjeni mingħandhom is-somma ta' €23,800, ma kien xejn għajr gideb intiż bl-iskop uniku u spe1ifiku li joħdilhom flus mingħajr ma kellu l-ebda jedd għalihom jew dritt fuqhom. L-imputat però ma llimitax ruħu biss għall-gidba li kien rappreżentant tal-MEPA u seta' jġibilhom permessi għall-iżvilupp fi żmien qasir, iżda ssostanzja din il-gidba, biex iktar jimpressjona lil Jasmond Debono u Carmelo Debono u b'hekk iġibhom jafdawh u jgħaddulu l-flus, b'messa in xena li fl-aħħar mill-aħħar kellha l-effett deżiderat għaliex Jasmond Debono u Carmelo Debono kienu ferm impressjonati bih u emmenu dak kollu li qalilhom u effettivament għaddewlu l-flus. Apparte l-fatt li l-imputat kien jippreżenta ruħu għandhom b'file mimli karti u kien anke ben konoxxenti tad-dettalji ta' l-għelieqi tad-ditorni u anke kien jaf dettalji dwar l-istorja passata tal-familja Debono fir-rigward ta' applikazzjonijiet fuq l-għalqa in kwistjoni, meta Jasmond Debono staqsieh setax jagħmillu xi ħaġa biex it-triq ta' quddiem l-għalqa tiġi one way biex ma jibqgħux jgħaddu karozzi b'veloċità qawwija minn hemm, l-għada din it-triq mhux biss ingħalqet minn naħa iżda anke ġiet one

[33] Dok. "JD1" a fol. 50 tal-proċess.
[34] Fol. 104 u 105 tal-proċess.
[35] Dok. "JR4" a fol. 19 u 20 tal-proċess.

way min-naħa l-oħra. Dan il-fatt kien il-*culmine* li wassal lil Jasmond Debono u Carmelo Debono jafdaw fl-imputat għaliex, fi kliem Jasmond Debono stess, *bla ma trid tgħid mela dan vera jaħdem il-MEPA. Dan biex tagħmel sqaq one way miż-żewġ naħat irid ikollok naqra saħħa mhux ħażin. Irid ikollok saħħa kbira biex taħgmel sqaq one way miż-żewġ naħat*[36]. Debono stqarr li għalih dan kien sar fiċ-ċert mill-imputat għar-raġuni li din it-talba partikolari tiegħu ġiet milqugħa, anke 'l hemm mill-aspettativi tiegħu, l-għada stess li kien kellem lill-imputat fir-rigward.

In kwantu l-element ta' dolo f'dan il-każ, ossia l-intenzjoni truffatriċi ta' l-imputat, ftit li xejn hemm x'jingħad wisq iktar. Mill-provi prodotti u minn dak kollu appena osservat jirriżulta ben ċar li l-imputat kellu l-intenzjoni speċifika li jittruffa lil Jasmond Debono u Carmelo Debono bil-pretiża tal-permessi għall-iżvilupp biex jieħu mingħandhom flus li ma kellu l-ebda jedd għalihom jew dritt fuqhom.

Fid-dawl ta' dan kollu għalhekk il-Qorti tqis li dan hu każ ta' truffa u mhux ta' sempliċi frodi nnominata u konsegwentement għalhekk jirriżulta lil hinn minn kull dubju raġjonevoli li l-imputat għandu jinstab ħati tar-reati previst fl-Artikolu 308 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, bil-piena applikabbli skond dak previst fl-Artikolu 310(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu l-ammont tal-ħsara jeċċedi s-somma ta' €5,000.

Fil-fehma tal-Qorti l-ewwel u t-tieni akkużi dedotti fil-konfront ta' l-imputat huma alternattivi għal xulxin u għaldaqstant filwaqt li ttenni li l-imputat għandu jinstab ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih - ossia għandu jinsatb ħati tar-reat previst fl-Artikolu 308 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta skond l-iskala ta' piena prevista fl-Artikolu 310(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta - Hija għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu referibilment għar-reat previst fl-Artikolu 309 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-Qorti titratta ma' l-imputat bħala reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta stante li già nstab ħati u kkundannat għal reati, b'sentenzi ta' Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Il-prova mressqa mill-Prosekuzzjoni in sostenn ta' l-addebitu tar-reċidiva hija s-sentenza esebita mill-Ispettur Jonathan Ransley waqt is-seduta ta' l-20 ta' Awwissu 2020, ossia s-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Giovanni Micallef" pronunċjata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru 2008 - Dok. "JRX" a fol. 92 sa' 96 tal-proċess. Fir-rigward l-Ispettur Ransley xehed li għalkemm ma kienx l-Uffiċjal Prosekutur f'dawk il-proċeduri, l-istess jirreferu għall-imputat għaliex John Micallef huwa Giovanni Micallef. Hemm ukoll esebita fl-atti l-Fedina Penali ta' l-imputat, a fol. 9 sa' 16 tal-proċess.

Fir-rigward tar-reċidiva huwa ormai prinċipju assodat fis-sistema ġuridika nostrali li: *għalkemm il-fedina penali tista' tittieħed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali biex ikunu jistgħu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-reċidiva dejjem tinneċessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni preċedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi preċedenti kif ukoll*

[36] Xhieda mogħtija minn Jesmond Debono waqt is-seduta tal-15 ta' Ottubru 2019, fol. 39 sa' 49 tal-proċess.

*billi jiġi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn eżami ta' l-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jagħtu l-konnotati meħtieġa tal-persuna ikkundannata) jew minn eżami ta' l-atti tal-kawża ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi preċedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu għall-persuna li tkun qed tiġi akkużata bir-reċidiva*[37].

Fil-każ in eżami għalkemm il-Prosekuzzjoni esebiet sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Giovanni Micallef", fl-istess imsemmija sentenza ma hemm xejn u ma' hemm l-ebda dettal li jorbotha b'mod sodisfaċenti, u wisq inqas lil hinn minn kull dubju raġonevoli, ma' l-imputat odjern. Frankament u bir-rispett kollu, l-affermazzjoni ta' l-Ispettur Ransley li s-sentenza tirreferi għall-imputat odjern għaliex *hu propja Giovanni Micallef u mhux John Micallef,* ma treġix u dana għal żewġ raġunijiet ferm sempliċi: (i) l-Ispettur Ransley *ex admissis* ma kienx l-Uffiċjal Prosekutur f'dawk il-proċeduri; u (ii) mill-estratt taċ-Ċertifikat tat-Twelid ta' l-imputat esebit bħala Dok. "JR1" a fol. 8 tal-proċess, ismu jirriżulta li huwa John u mhux Giovanni.
Fid-dawl ta' dan kollu għalhekk, il-Qorti ma tistax tittratta ma' l-imputat bħala reċediv.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura serja ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat u li tagħha għandu jinstab ħati, ossia dik ta' truffa ta' ammont li jeċċedi s-somma ta' €5,000, ħadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li mill-fedina penali ta' l-imputat jirriżulta li din mhux l-ewwel darba li ġie ipproċessat kriminalment għal reat simili għal dak odjern u ġie misjub ħati ta' l-istess, <u>iżda</u> ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat daħal fi ftehim ma' Jasmond Debono u Carmelo Debono biex jirrestitwixxi s-somma ta' €23,800 minnhom imħallsu lilu u bħala fatt, hekk kif jirriżulta mix-xhieda ta' Jasmond Debono mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Marzu 2021[38], l-imputat qed iħallas dak minnu lilhom dovut b'mod sodisfaċenti għalihom. Jirriżulta fil-fatt li sa' l-4 ta' Marzu 2021 già laħaq ħallas is-somma ta' €3,800 u li fid-9 ta' Marzu 2021 kellu jħallas ammont ulterjuri ta' €2,500.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat u filwaqt li tiddikjara li ma hijiex ser tittratta ma' l-imputat bħala reċediv stante li dan l-addebitu ma rriżultax sodisfaċentament pruvat, wara li rat u ikkunsidrat l-Artikoli 308 u 310(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' sentejn (2) priġunerija iżda peress illi fil-fehma Tagħha hemm raġunijiet biex tali terminu ta' priġunerija hawn impost jiġi sospiż, ossia l-fatt li fil-mori ta' dawn il-proċeduri l-imputat daħal fi ftehim ma' Jasmond Debono u Carmelo Debono dwar ir-refużjoni tas-somma ta' €23,800 u bħala fatt jirriżulta li tali somma qed titħallas lura bil-mod il-mod, ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti tissosspendi t-terminu ta' sentejn (2) priġunerija hawn impost għall-perijodu ta' erba' (4) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza.

---

[37] Il-Pulizija v. Paul Abela, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-10 ta' Settembru 2004 u Il-Pulizija v. Joseph Grech, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-28 ta' Ġunju 2017.
[38] Fol. 104 u 105 tal-proċess.

A tenur ta 'l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta 'Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta 'Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta 'din is-sentenza sospiza, reat li ghalih hemm piena ta 'prigunerija.

Il-Prosekuzzjoni - u anke l-Avukat Ġenerali fir-Rinviju għall-Ġudizzju datat 20 ta' Jannar 2020 - jirreferu għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 23B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-imsemmi artikolu tal-Liġi jittratta dwar l-ordni għall-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tar-rikavat li jiġi mir-reat [reat rilevanti ai termini ta' l-Artikolu 23A(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta] jew ta' dik il-proprjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat jew alternattivament, f'każ li r-rikavat li jkun ġej mir-reat ikun ġie mberbaq jew għal xi raġuni oħra li tkun ma jkunx possibbli li jiġi identifikat u konfiskat kull tali rikavat, jew li tiġi ordnata l-konfiska ta' dik il-prorpejtà li jkollha l-valur tagħha jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, multa li tkun tekwivali għall-ammont tar-rikavat mir-reat.

Fil-fehma tal-Qorti l-applikazzjoni ta' dan il-provvediment tal-Liġi tirrikjedi zewġ elementi, jew aħjar, provi bażilari: (i) prova dwar l-beni u assi ta' l-imputat; u (ii) prova dwar l-ammont tar-rikavat li ġie mir-reat rilevanti - provi li fil-każ in eżami ma' sarux.

Għalkemm ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali tressqet bħala xhud biex tagħti prova tad-delega lill-Asset Recovery Bureau in segwitu għall-Ordni ta' Iffriżar fil-konfront ta' l-imputat[39], il-Prosekuzzjoni ma ressqitx rappreżentant ta' l-Asset Recovery Bureau għall-fini li jesebixxi l-inventarju tal-beni u ta' l-assi ta' l-imputat. Mingħajr tali inventarju l-Qorti ma hijiex f'posizzjoni tiddetermina x'beni għandu l-imputat u jekk ir-rikavat mir-reat ġiex imberbaq o meno. Apparte minn hekk, siccome l-imputat għandu ftehim ma' Jasmond Debono u Carmelo Debono in bażi għal liema qed iħallas lura s-somma ta' €23,800 - liema ħlasijiet skond ma xehed l-istess Jasmond Debono qed isiru[40] - il-Qorti ma hijiex f'posizzjoni llum tiddetermina x'inhu b'mod preċiż ir-rikavat li l-imputat seta' għamel jew addirittura għamel mir-reat li tiegħu qed jinstab ħati.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tastjeni milli tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 23B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għal kull buon fini l-Qorti tastjeni wkoll milli tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 23 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jittratta dwar il-konfiska tal-*corpus delicti*.

In fine l-Qorti ser tikkonsidra t-talba sabiex l-imputat jiġi kkundannat iħallas l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' Esperti f'dawn il-proċeduri hekk kif previst fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx appuntati Esperti, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din it-talba partikolari.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

[39] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Ottubru 2019, fol. 65 u 66 tal-proċess u Dok. "EG" a fol. 67 tal-proċess.
[40] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Marzu 2021, fol. 104 u 105 tal-proċess.